SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

15 ta' Ottubru 2009 *

Fil-Kawża C-196/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mit-Tribunale amministrativo regionale della Sicilia (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Marzu 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Mejju 2008, fil-proċedura

Acoset SpA

vs

Conferenza Sindaci e Presidenza Prov. Reg. ATO Idrico Ragusa,

Provincia Regionale di Ragusa,

Comune di Acate (RG),

* * Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Comune di Chiaramonte Gulfi (RG),

Comune di Comiso (RG),

Comune di Giarratana (RG),

Comune di Ispica (RG),

Comune di Modica (RG),

Comune di Monterosso Almo (RG),

Comune di Pozzallo (RG),

Comune di Ragusa,

Comune di Santa Croce Camerina (RG),

Comune di Scicli (RG),

Comune di Vittoria (RG),

fil-preżenza ta':

Saceccav Depurazioni Sacede SpA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn J. N. Cunha Rodrigues (Relatur), President tat-Tieni Awla, li qed jaġixxi bħala President tat-Tielet Awla, P. Lindh, A. Rosas, U. Lõhmus u A. Ó Caoimh, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: D. Ruiz-Jarabo Colomer,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' April 2009,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Acoset SpA, minn A. Scuderi u G. Bonaventura, avvocati,

— għal Conferenza Sindaci e Presidenza Prov. Reg. ATO Idrico Ragusa *et*, minn N. Gentile, avvocato,

— għal Comune di Vittoria (RG), minn A. Bruno u C. Giurdanella, avvocati,

— għall-Gvern Taljan, minn R. Adam, bħala aġent, assistit minn G. Fiengo, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Awstrijak, minn M. Fruhmann, bħala aġent,

— għall-Gvern Pollakk, minn M. Dowgielewicz, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn C. Zadra u D. Kukovec, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 43 KE, 49 KE u 86 KE.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Acoset SpA (iktar 'il quddiem "Acoset") u l-Conferenza Sindaci e Presidenza Prov. Reg. Ragusa (assemblea tas-sindki u tal-President tal-provinċja reġjonali ta' Ragusa, iktar 'il quddiem il-"Conferenza") *et,* rigward l-annullament minnha tal-proċedura ta' sejħa għal offerti fid-dawl tas-selezzjoni tas-soċju b'minoranza f'kumpannija pubblika b'sehem privat li direttament tipprovdi s-servizz sħiħ tal-ilma ("servizio idrico integrato") fil-provinċja ta' Ragusa.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

Id-Direttiva 2004/18

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132), jipprovdi:

"[…]

2. a) 'Kuntratti pubbliċi' huma kuntratti għall-interess tal-flus konklużi bil-miktub bejn wieħed jew aktar operaturi ekonomiċi u li għandhom bħala objettiv tagħhom l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet, il-provvista tal-prodotti jew il-disposizzjoni tas-servizzi fi ħdan it-tifsira ta' din id-Direttiva.

[…]

d) 'Kuntratti għal servizzi pubbliċi' huma kuntratti pubbliċi barra kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi jew kuntratti għall-provvisti li għandhom bħala għan il-disposizzjoni tas-servizzi riferuti għalihom fl-Anness II.

[…]

4. ‘Konċessjoni tas-servizz’ huwa kuntratt ta’ l-istess tip bħal kuntratt għas-servizz pubbliku minbarra l-fatt illi l-konsiderazzjoni għall-disposizzjoni tas-servizzi jikkonsisti jew waħdu fid-dritt li jesplojta s-servizz jew f’dan id-dritt kif ukoll bi ħlas.

[…]”

4 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/18 jipprovdi:

“Fejn l-awtorità kuntrattwali tagħti drittijiet speċjali jew esklussivi biex issir attività ta’ servizz pubbliku lil xi entità barra dik ta’ l-awtorità kuntrattwali, l-att li bih ingħata dan id-dritt se jipprovdi illi, fil-każ tal-kuntratti għal-provvisti, li tassenja lill-terzi persuni bħala parti mill-attivitajiet tagħha, l-entità kkonċernata trid tkun konformi mal-prinċipji ta’ bla diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità.”

5 Skont l-Artikolu 7 ta’ din id-direttiva:

“Din id-Direttiva għandha tapplika għal kuntratti publiċi […] li għandhom valur esklussiv ta’ valur addizzjonali ta’ taxxa (VAT) stmat li hu ugwali jew akbar minn dawn il-limiti massimi li ġejjin:

[…]

b) EUR 249 000:

— għal kuntratti ta' forniment pubbliku u ta' servizz mogħtija minn awtoritajiet kontrattwanti barra dawk elenkati fl-Anness IVl'annexe IV ['Awtoritajiet governattivi ċentrali'],

[…]"

6 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2083/2005, tad-19 ta' Diċembru 2005 li jemenda d-Direttivi 2004/17 KE u 2004/18 KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ammonti minimi ta' applikazzjoni għall-proċeduri għal għoti ta' kuntratti (ĠU L 321M, 21.11.2006, p. 381), emenda l-Artikolu 7(b) tad-Direttiva 2004/18, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1874/2004, tat-28 ta' Ottubru 2004 (ĠU L 183M, 05.07.2006, p. 278), billi jissostitwixxi l-ammont ta' EUR 236 000 b'dak ta' EUR 211 000 għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-1 ta' Jannar 2007.

7 Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1422/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 li jemenda d-Direttivi 2004/17 u 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti ta' applikazzjonijiet għall-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti (ĠU L 317, p. 34), dan l-ammont sar EUR 206 000 mill-1 ta' Jannar 2008.

8 L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2004/18 jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3, din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal konċessjonijiet ta' servizz kif definit fl-Artikolu 1(4)."

9 Skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/18:

"Kuntratti li għandhom bħala l-oġġettiv tagħhom servizzi elenkati fl-Anness II B għandhom ikunu suġġetti biss għall-Artikolu 23 u l-Artikolu 35(4)."

10 Jaqgħu taħt il-kategorija 27 tal-Anness II B ta' din id-direttiva s-"servizzi oħra" bl-eċċezzjoni tal-kuntratti ta' impjieg, ta' xiri, ta' żvilupp, ta' produzzjoni jew ta' kooproduzzjoni ta' programmi mill-entitajiet ta' xandir u tal-kuntratti li jikkonċernaw il-ħin ta'xandir.

Id-Direttiva 2004/17

11 Skont l-Artikolu 1(2) u (3) tad-Direttiva 2004/17 KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li

joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, trasport u postali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 19):

"2. […].

b) 'Kuntratti tax-xogħol' huma kuntratti li għandhom bħala l-għan tagħhom jew l-eżekuzzjoni, jew kemm id-disinn u l-eżekuzzjoni, ta' xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu ma' waħda mill-attivitajiet fit-tifsira ta' l-Anness XII jew xogħol, jew ir-realizzazzjoni b'kwalunkwe mezz ta' xogħol li jikkorrespondi għall-ħtiġijiet speċifikati mill-entità kontraenti. 'Xogħol' ifisser ir-riżultat ta' xogħlijiet ta' bini jew inġinerija ċivili fl-intier tagħhom li huwa biżżejjed fih innifsu biex iwettaq funzjoni ekonomika jew teknika.

c) 'Kuntratti ta' provvista' huma kuntratti oħra għajr dawk riferiti f'(b) li għandhom bħala l-għan tagħhom ix-xiri, kiri b'self, kiri jew xiri bin-nifs, bl-għażla jew mingħajrha ta' xiri, ta' prodotti.

Kuntratt li għandu bħala l-għan tiegħu l-provvista ta' prodotti, li jkopri wkoll, bħala materja inċidentali, operati ta' tfittxija ta' post (siting) u stallazzjoni għandu jitqies bħala "kuntratt ta' provvista".

d) 'Kuntratti ta' servizz' huma kuntratti oħra għajr kuntratti ta' xogħol jew ta' provvista li għandhom bħala l-għan tagħhom il-provvediment ta' servizzi riferiti fl-Anness XVII.

Kuntratt li għandu bħala l-għan tiegħu kemm il-prodotti kif ukoll is-servizzi fit-tifsira ta' l-Anness XVII għandu jitqies bħala 'kuntratt ta' servizz' jekk il-valur tas-servizzi msemmija jaqbeż dak tal-prodotti koperti mill-kuntratt.

Kuntratt li għandu bħala l-għan tiegħu servizzi fit-tifsira ta' l-Anness XVII u jinkludi attivitajiet fit-tifsira ta' l-Anness XII li huma inċidentali biss għall-iskop prinċipali tal-kuntratt għandu jitqies bħala kuntratt ta' servizz.

3. a) 'Konċessjoni ta' xogħlijiet' hija kuntratt ta' l-istess tip tal-kuntratt tax-xogħlijiet minbarra għall-fatt li l-konsiderazzjoni biex jitwettqu x-xogħlijiet tikkonsisti jew fid-dritt biex jiġi esplojtat ix-xogħol biss jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas;

b) 'Konċessjoni ta' servizz' hija kuntratt ta' l-istess tip tal-kuntratt ta' servizz minbarra għall-fatt li l-konsiderazzjoni għall-provvediment ta' servizzi tikkonsisti jew fid-dritt biex jiġi esplojtat is-servizz biss jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas."

12 Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/17:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet li ġejjin:

a) il-provvediment jew operat ta' xbieki [netwerks] fissati maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku f'konnessjoni mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' l-ilma tax-xorb; jew

b) il-provvista ta' l-ilma tax-xorb lil dawn ix-xbieki.

[…].”

13 Skont l-Artikolu 9(1) tal-istess direttiva:

“Kuntratt li huwa maħsub li jkorpi numru ta’ attivitajiet għandu jkun suġġetti għar-regoli applikabbli għall-attività li għaliha kien maħsub prinċipalment.

Madankollu, l-għażla bejn l-għoti ta’ kuntratt wieħed u l-għoti ta’ numru ta’ kuntratti separati ma tistax issir bil-għan li tiġi eskluża mill-iskop ta’ din id-Direttiva jew, fejn applikabbli, id-Direttiva 2004/28/KE.”

14 L-Artikolu 18 tad-Direttiva 2004/17 jipprovdi:

“Din id-Direttiva m’għandhiex tapplika għal konċessjonijiet ta’ xogħlijiet u servizz li huma mogħtija minn entitajiet kontraenti li qed iwettqu waħda jew aktar mill-attivitajiet riferiti fl-Artikoli 3 sa 7, fejn dawk il-konċessjonijiet huma mogħtija għat-twettieq ta’ dawk l-attivitajiet.”

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

15 Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 267, tat-18 ta’ Awwissu 2000, dwar il-konsolidazzjoni tat-testi ta’ liġijiet dwar l-organizzazzjoni tal-entitajiet lokali (testo unico delle leggi sull’ordinamento degli enti locali) (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 227, tat-28 ta’ Settembru 2000), kif emendat bid-Digriet Nru 269 dwar dispożizzjonijiet urġenti

favur l-iżvilupp u għall-korrezzjoni tal-kontabbiltà pubblika (disposizioni urgenti per favorire lo sviluppo e per la correzione dell'andamento dei conti pubbliċi), tat-30 ta' Settembru 2003 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 229, tat-2 ta' Ottubru 2003), li sar liġi, wara emenda, bil-Liġi Nru 326, tal-24 ta' Novembru 2003 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 274, tal-25 ta' Novembru 2003, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 267/2000") jipprovdi fl-Artikolu 113(5) tiegħu:

"Il-provvista tas-servizzi [ta' servizz pubbliku lokali minn kollettività territorjali] sseħħ skont il-leġiżlazzjoni tas-settur u fl-osservanza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, billi tagħti l-operat tas-servizz lil:

a) kumpanniji b'kapital azzjonarju permezz ta' proċedura ta' sejħa għal offerti pubblika;

b) kumpanniji b'kapital pubbliku u privat li fihom is-soċju privat huwa magħżul permezz ta' proċedura ta' sejħa għal offerta pubblika li tiggarantixxi l-osservanza tal-liġijiet nazzjonali u Komunitarji fil-qasam tal-kompetizzjoni, skont il-linji gwida adottati mill-awtoritajiet kompetenti permezz tal-atti jew ċirkolari speċifiċi;

c) kumpanniji b'kapital għal kollox pubbliku bil-kundizzjoni li l-kollettivitajiet pubbliċi li għandhom il-kapital azzjonarju jeżerċitaw fuq il-kumpannija kontroll analogu għal dak li huma jeżerċitaw fuq id-dipartimenti tagħhom stess u li din il-kumpannija twettaq l-parti l-kbira tal-attività tagħha mal-kollettivitajiet li jikkontrollawha."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

16 Fl-10 ta' Lulju 2002, il-Provincia Regionale di Ragusa (provinċja reġjonali ta' Ragusa) u l-muniċipalitajiet ibleniċi kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni li jikkostitwixxi l-Ambito Territoriale Ottimale (qafas territorjali massimu, iktar 'il quddiem l-"ATO") idrico di Ragusa (għall-ilma ta' Ragusa), l-awtorità lokali inkarigata mis-servizz sħiħ tal-ilma ta' Ragusa.

17 Fis-26 ta' Marzu 2004, il-Conferenza, il-korp ta' amministrazzjoni tal-ATO, għażlet bħala forma ta' amministrazzjoni tas-servizz inkwistjoni l-"kumpannija pubblika b'sehem privat b'kapital prinċipalment pubbliku", prevista fl-Artikolu 113(5)(b) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 267/2000.

18 Fis-7 ta' Ġunju 2005, il-Conferenza approvat l-abbozzi ta' att li jistabbilixxi kumpannija b'responsabbiltà limitata u l-artikoli tal-assoċjazzjoni tagħha, kif ukoll l-abbozz dwar il-ftehim fuq l-amministrazzjoni ta' dan is-servizz, fejn l-Artikolu 1 tiegħu jipprovdi li s-servizz ser jingħata direttament, u esklużivament, lill-kumpannija pubblika b'sehem privat li kienet ser tiġi stabbilita (amministratriċi tas-servizz sħiħ tal-ilma).

19 Sussegwentement, sejħa għal offerti ġiet ippubblikata, b'mod partikolari, fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' Ottubru 2005 (ĠU S 195) sabiex tintgħażel l-impriża, azzjonista privata b'minoranza, li lilha kienet ser tiġi fdata l-attività operattiva tas-servizz sħiħ tal-ilma u t-twettiq tax-xogħlijiet marbuta mal-amministrazzjoni esklużiva ta' dan is-servizz, jiġifieri x-xogħlijiet previsti b'mod partikolari fil-pjan operattiv ta' kull tliet snin, approvat mill-assemblea tas-sindki fil-15 ta' Diċembru 2003.

20 Skont l-Artikolu 1(8) tal-kundizzjonijiet ix-"xogħlijiet li għandhom jitwettqu huma dawk li jaqgħu taħt il-pjan operattiv ta' kull tliet snin, kif emendat u/jew ikkompletat mill-offerta, kif ukoll l-abbozz ta' informazzjoni ulterjuri previst mill-pjan ta' żvilupp

[…]" u "għall-għoti tax-xogħlijiet li mhumiex imwettqa direttament mill-azzjonist privat, għandu jkun hemm rikors għall-proċeduri kompetittivi previsti bil-liġi."

21 Tliet gruppi ta' impriżi temporanji li kellhom bħala amministraturi mandatarji, rispettivament, lil Saceccav Depurazioni Sacede SpA, Acoset u Aqualia SpA ppartecipaw għall-proċedura ta' sejħa għal offerti. Il-kummissjoni dwar l-għoti tal-kuntratti eskludiet lil Aqualia Spa u aċċettat it-tnejn l-oħra. Il-persuna responsabbli mill-proċedura sussegwentement stiednet lil dawn tal-aħħar sabiex jiddikjaraw jekk l-interess tagħhom kien għadux jeżisti. Acoset biss tat tweġiba pożittiva għal din l-istedina.

22 Jirriżulta wkoll mid-deċiżjoni tar-rinviju li l-Konferenza, minflok ma ħadet att tal-għoti u pproċediet sabiex tiġi stabbilita l-kumpannija pubblika b'sehem privat ta' amministrazzjoni sabiex tibda s-servizz inkwisjtoni u li tibbenefika mill-fondi Komunitarji, waqt is-sessjoni tas-26 ta' Frar 2007, peress li beżgħet li l-proċedura segwita fir-rigward tad-dritt Komunitarju kienet illegali, iddeċidiet li tieħu passi sabiex il-proċedura ta' selezzjoni ta' Acoset tiġi annullata. Konsegwentement, is-segretarjat tekniku operattiv tal-ATO informa lil Acoset, b'nota tat-28 ta' Frar 2007, bil-ftuħ tal-proċedura ta' annullament u Acoset ippreżentat osservazzjonijiet f'dan ir-rigward b'nota tas-26 ta' Marzu 2007.

23 Fit-2 ta' Ottubru 2007, il-Conferenza ddeċidiet favur l-annullament tas-sejħa għal offerti inkwistjoni u adottat bħala forma ta' amministrazzjoni tas-servizz sħiħ tal-ilma ta' Ragusa l-forma ta' "konsorzju". B'nota tad-9 ta' Ottubru ta' wara, l-annullament tal-proċedura ta' sejħa għal offerti ġie kkomunikat lil Acoset.

24 Fil-kuntest tar-rikors tagħha fil-kawża prinċipali kontra d-deċiżjoni tat-2 ta' Ottubru 2007, kif ukoll l-atti li din id-deċiżjoni hija marbuta magħhom, Acoset titlob ir-rikonoxximent ta' dritt għal kumpens taħt il-forma ta' għoti tal-kuntratt u ta' kumpens bħala ekwivalenza tad-danni subiti mill-fatt tal-atti kkontestati. Acoset titlob ukoll, bħala miżura provviżorja, is-sospensjoni provviżorja ta' dawn l-atti.

25 Skont Acoset, l-għoti dirett tal-amministrazzjoni ta' servizzi pubbliċi lokali lil kumpanniji pubbliċi b'sehem privat skont l-Artikolu 113(5)(b) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 267/2000, li fihom is-soċju privat kien intgħażel permezz ta' proċedura ta' sejħa għal offerti li tosserva d-dispożizzjonijiet Komunitarji fil-qasam tal-kompetizzjoni, huwa kompatibbli mad-dritt Komunitarju.

26 Il-konvenuti fil-kawża prinċipali jikkunsidraw min-naħa l-oħra li d-dritt Komunitarju ma jawtorizzax tali għoti dirett u mingħajr sejħa għal offerti ta' xogħlijiet u ta' servizzi ħlief lil kumpanniji b'sehem pubbliku totali, li jwettqu l-parti kbira tal-attività tagħhom mal-kollettività jew kollettivitajiet pubbliċi li jikkontrollawhom u li fuqhom dawn tal-aħħar jeżerċitaw kontroll analogu għal dak li huma jeżerċitaw fuq id-dipartimenti tagħhom stess. Is-sehem, anki minoritarju, ta' impriża privata fil-kapital ta' kumpannija li fiha għandha sehem ukoll l-awtorità kontraenti inkwistjoni f'kull każ jeskludi li din l-awtorità kontraenti tkun tista' teżerċita fuq din il-kumpannija kontroll analogu għal dak li hija teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2005, Stadt Halle et RPL Lochau, C-26/03, Ġabra p. I-1).

27 It-Tribunale amministrativo regionale della Sicilia jqis li l-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-għoti dirett tal-kuntratt inkwistjoni fir-rigward tad-dritt Komunitarju, li ġiet imqajma minn Acoset, hija rilevanti u li t-tweġiba għal din il-mistoqsija ma tistax tiġi dedotta b'mod ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

28 F'dawn il-kundizzjonijiet, it-Tribunale amministrativo regionale della Sicilia ddeċieda li jissospendi l-proċeduri sabiex jiddeċiedi fuq it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni fformulata fil-kawża prinċipali u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Mudell ta' kumpannija mħallta pubblika-privata [kumpannija pubblika b'sehem privat] stabbilita speċifikament għall-provvista ta' servizz pubbliku partikolari ta' tip industrijali u b'għan wieħed, li hija direttament attribwita s-servizz inkwistjoni, li fiha s-soċju privat ta' tip "industrijali" u "operattiv" huwa magħżul permezz ta' proċedura

kompetittiva, wara verifika kemm tal-kundizzjonijiet finanzjarji u tekniċi kif ukoll tal-kundizzjonijiet tal-operat u tal-ġestjoni li jirrigwardaw is-servizz li għandu jitwettaq u s-servizzi speċifiċi li għandhom jiġu pprovduti, huwa konformi mad-dritt Komunitarju, u b'mod partikolari, mal-obbligi ta' trasparenza u ta' kompetizzjoni libera previsti fl-Artikoli 43, 49 u 86 tat-Trattat?"

Fuq l-ammissibbiltà

29 Il-Gvern Awstrijak josserva li t-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi ddikjarata inammissibbli peress li d-deċiżjoni tar-rinviju ma tipprovdix biżżejjed informazzjoni fuq il-kuntest fattali u ġuridiku għall-proċedura fil-kawża prinċipali sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tirrispondi b'mod effettiv għad-domanda preliminari. B'mod partikolari hija nieqsa minn informazzjoni dwar l-ispeċifiċità tal-provvista jew tal-provvisti inkwistjoni, fuq il-kontenut tas-sejħa għal offerti u fuq il-proċedura tal-għoti tal-kuntratt, kif ukoll ċerti kunċetti użati fid-domanda magħmula.

30 Peress li din hija informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' deċiżjoni tar-rinviju, jeħtieġ li jiġi mfakkar li din l-informazzjoni ma sservix biss sabiex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposti utli, iżda li din għandha wkoll tagħti lill-gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll lill-partijiet l-oħra interessati, il-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li, għal dawn il-finijiet, huwa minn naħa, neċessarju li l-qorti nazzjonali tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv li fih jinsabu d-domandi li hija tagħmel jew li, għall-inqas, tispjega s-sitwazzjonijiet fattwali li fuqhom dawn id-domandi huma bbażati. Min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni tar-rinviju għandha tindika r-raġunijiet preċiżi li wasslu lill-qorti nazzjonali tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju u għaliex tqis neċessarju li tistaqsi d-domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan il-kuntest, huwa indispensabbli li l-qorti nazzjonali tagħti spjegazzjonijiet minimi fuq ir-raġunijiet tal-għażla tad-dispożizzjonijiet Komunitarji li tagħhom hija titlob l-interpretazzjoni u dwar ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fil-kawża prinċipali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' Marzu 2007, Placanica *et*, C-338/04, C-359/04 u C-360/04, Ġabra p. I-1891, punt 34).

31 Id-deċiżjoni tar-rinviju tat-Tribunale amministrativo regionale della Sicilia ssodisfat dawn ir-rekwiżiti.

32 Fil-fatt, il-qorti nazzjonali ssemmi d-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli u d-deċiżjoni tar-rinviju tinkludi deskrizzjoni tal-fatti li, għalkemm suċċinti, hija suffiċjenti sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tieħu deċiżjoni. Minbarra dan, din il-qorti tindika r-raġunijiet li wassluha sabiex tqis li kien neċessarju li tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġusizzja, sa fejn hija għandha deskrizzjoni dettaljata tal-opinjonijiet opposti sostnuti mill-partijiet fil-kawża prinċipali f'dak li jikkonċerna l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet Komunitarji li huma s-suġġett tad-domanda preliminari u fejn, skont il-qorti tar-rinviju, ir-risposta għal din id-domanda ma tistax tiġi dedotta b'mod ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

33 Barra minn hekk, il-Conferenza tosserva li, sa fejn il-proċedura ta' selezzjoni tas-soċju privat inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet annullata, Acoset m'għandha ebda interess ġuridiku sabiex tikseb risposta għad-domanda magħmula.

34 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-Artikolu 234 KE stabbilixxa kooperazzjoni diretta bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali permezz ta' proċedura li mhijiex relatata ma' kwalunkwe inizjattiva tal-partijiet u li matulha huma mistiedna biss biex jippreżentaw osservazzjonijiet fir-rigward ta' domandi fejn l-inizjattiva hija biss tal-qorti nazzjonali (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 1965, Singer, 44/65, Ġabra p. 1191).

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li d-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tiġi eżaminata.

Fuq id-domanda preliminari

36 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf jekk l-Artikoli 43 KE, 49 KE u 86 KE jipprekludux l-għoti dirett ta' servizz pubbliku li jimplika t-twettiq minn qabel ta' ċerti xogħlijiet, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, lil kumpannija b'kapital pubbliku b'sehem privat, speċjalment maħluqa sabiex tipprovdi dan is-servizz u li għandha għan wieħed, li fiha s-soċju privat huwa magħżul fuq sejħa għal offerti pubblika, wara verifika tal-kundizzjonijiet finanzjarji, tekniċi, operattivi u amministrattivi relatati mas-servizz li għandu jiġi żgurat u karatteristiċi tas-sejħa għal offerti fir-rigward tas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti.

37 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li l-għoti ta' servizz pubbliku lokali ta' amministrazzjoni sħiħ tal-ilma, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jista' jaqa' taħt, skont il-partikolaritajiet tal-korrispettiv ta' dan is-servizz, id-definizzjoni tal-"kuntratti għal servizzi pubbliċi" jew ta' dak ta' "konċessjoni tas-servizzi" skont, rispettivament, l-Artikolu 1(2)(d) u (4) tad-Direttiva 2004/18 jiġifieri, skont il-każ, rispettivament, tal-Artikolu 1(2)(d) u 3(b) tad-Direttiva 2004/17, fejn l-Artikolu 4(1)(a) jipprovdi li din id-direttiva tapplika jew għall-provvista jew operat ta' netwerks iffissati maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku f'konnessjoni mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb jew għall-provvista tal-ilma tax-xorb lil dawn in-netwerks.

38 Il-kwistjoni dwar jekk operazzjoni għandhiex tiġi kklassifikata jew le bħala "konċessjoni tas-servizz" jew ta' "kuntratt għal servizzi pubbliċi" għandha tiġi evalwata esklużivament fid-dawl tad-dritt Komunitarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-382/05, Ġabra p. I-6657, punt 31).

39 Id-differenza bejn kuntratt ta' servizzi u konċessjoni ta' servizzi tinsab fil-korrispettiv tal-provvista ta' servizzi (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, WAZV Gotha, C-206/08, Ġabra p. I-8377, punt 51). "Kuntratt għal servizzi pubbliċi" skont id-Direttivi 2004/18 u 2004/17 jwassal għal korrispettiv li huwa mħallas direttament mill-awtorità kontraenti lil min jipprovdi s-servizzi (ara, b'mod paritkolari, is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2005, Parking Brixen, C-458/03, Ġabra p. I-8585, punt 39). Ikun hemm konċessjoni tas-servizzi meta l-mod ta' remunerazzjoni

miftiehem jikkonsisti fid-dritt li jiġi operat is-servizz u min jipprovdi s-servizz jieħu r-riskju marbut mal-operat tas-servizzi inkwistjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-437/07, punti 29 u 31, kif ukoll WAZV Gotha, iċċitata iktar 'il fuq, punti 59 u 67).

40 Il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-kumpannija pubblika b'sehem privat li għandha tiġi kkostitwita bħala "konċessjonarja" tal-amministrazzjoni tas-servizz sħiħ tal-ilma. Jirriżulta mill-proċess li t-tul tal-operazzjoni huwa ffissat għal tletin sena.

41 Bl-istess mod, il-Gvern Taljan josserva li huwa ċar li qed jiġi ttrattat għoti ta' servizz pubbliku permezz tal-konċessjoni għal tletin sena fejn il-korrispettiv prinċipali tiegħu huwa l-possibbiltà li lill-utenti tiġi mitluba t-tariffa tal-ilma li l-proċedura ta' sejħa għal offerti ssemmi bħala kumpens għas-servizz mogħti.

42 Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja tibda mill-ipoteżi li din hija konċessjoni.

43 Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' konċessjoni tas-servizzi, b'mod partikolari, fil-każijiet fejn ir-remunerazzjoni tal-persuna li tipprovdi s-servizz kienet ġejja minn ħlasijiet li jkunu saru mill-utenti ta' parking pubbliku, ta' servizz ta' trasport pubbliku u ta' netwerk ta' teledistribuzzjoni (ara s-sentenzi Parking Brixen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40; tas-6 ta' April 2006, ANAV, C-410/04, Ġabra p. I-3303, punt 16, u tat-13 ta' Novembru 2008, Coditel Brabant, C-324/07, Ġabra, p. I-8457, punt 24).

44 L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2004/18 jipprovdi li, bla ħsara għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3 tagħha, din id-direttiva ma tapplikax għall-konċessjonijiet tas-servizzi. Bl-istess mod, l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2004/17 jeskludi l-applikazzjoni tagħha għall-konċessjonijiet ta' servizz li huma mogħtija minn entitajiet

kontraenti li qed iwettqu waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7 ta' din id-direttiva, fejn dawn il-konċessjonijiet huma mogħtija għat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet.

45 Huwa barra minn hekk paċifiku li t-twettiq tax-xogħlijiet konnessi mal-amministrazzjoni esklużiva tas-servizz sħiħ tal-ilma inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa ta' natura aċċessorja meta pparagunat mal-għan prinċipali tal-konċessjoni inkwistjoni li jikkonsisti fil-provvista ta' dan is-servizz, b'mod li din ma tistax tiġi kklassifikata bħala "konċessjoni għal xogħlijiet pubbliċi" (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' April 1994, Gestión Hotelera Internacional, C-331/92, Ġabra p. I-1329, punti 26 sa 28, u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2004/17

46 Minkejja l-fatt li l-kuntratti ta' konċessjoni ta' servizzi pubbliċi huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2004/18 u 2004/17, l-awtoritajiet pubbliċi li jikkonkluduhom huma madankollu marbuta li josservaw ir-regoli fundamentali tat-Trattat KE b'mod ġenerali u l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, b'mod partikolari (ara, b'mod partikolari, is-sentenza ANAV, iċċitata iktar 'il fuq, punt 18).

47 Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li huma b'mod aktar speċifiku applikabbli għall-konċessjonijiet ta' servizzi pubbliċi jinkludu b'mod partikolari l-Artikolu 43 KE u 49 KE (ara b'mod partikolari s-sentenza ANAV, iċċitata iktar 'il fuq, punt 19).

48 Minbarra l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, il-prinċipju ta' trattament ugwali fost l-offerenti japplika għall-konċessjonijiet ta' servizzi pubbliċi anki fin-nuqqas ta' diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza (ara, b'mod partikolari, is-sentenza ANAV, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20).

49 Il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, jimplikaw, b'mod partikolari, obbligu ta' trasparenza li jippermetti lill-awtorità pubblika li tagħmel il-konċessjoni li tiżgura li dawn il-prinċipji jiġu osservati. Dan l-obbligu ta' trasparenza li għandha din l-awtorità jikkonsisti li tiżgura, għal kull offerenti potenzjali, ta' grad ta' pubbliċità adegwata li tippermetti ftuħ tal-konċessjoni tas-servizzi għall-

kompetizzjoni kif ukoll tal-kontroll tal-imparzjalità tal-proċeduri tal-għoti tal-kuntratt (ara, b'mod partikolari, is-sentenza ANAV, iċċitata iktar 'il fuq, point 21).

50 Minbarra dan, mill-Artikolu 86(1) KE jirriżulta li l-Istati Membri m'għandhomx iżommu fis-seħħ leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-għoti ta' konċessjonijiet ta' servizzi pubbliċi mingħajr ma jkun hemm kompetizzjoni peress li tali għoti jikser l-Artikoli 43 KE jew 49 KE jew ukoll il-prinċipji ta' trattament ugwali, ta' nondiskriminazzjoni u ta' trasparenza (ara, b'mod partikolari, is-sentenza ANAV, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23).

51 L-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti mill-Artikoli 12 KE, 43 KE u 49 KE, kif ukoll tal-prinċipji ġenerali li tagħhom jikkostitwixxu l-espressjoni speċifika, hija eskluża jekk, fl-istess ħin, il-kontroll eżerċitat fuq l-entità konċessjonarja mill-awtorità pubblika li tagħti l-konċessjoni huwa analogu għal dak li din tal-aħħar teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess u jekk din l-entità twettaq l-parti l-kbira tal-attività tagħha mal-awtorità li tikkontrollaha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza ANAV, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24). F'każ bħal dan, kompetizzjoni mhijiex obbligatorja, anki jekk il-persuna kontraenti l-oħra hija entità legalment distinta mill-awtorità kontraenti (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, Sea, C-573/07, Ġabra p. I-8127, punt 36).

52 Din il-ġurisprudenza hija rilevanti kemm għall-interpretazzjoni tad-Direttivi 2004/18 u 2004/17 u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 43 KE u 49 KE kif ukoll għall-prinċipji ġenerali li tagħhom huma jikkostitwixxu l-espressjoni speċifika (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Sea, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37).

53 Is-sehem, anki jekk f'minoranza, ta' impriża privata fil-kapital ta' kumpannija li fiha tipparteċipa wkoll l-awtorità kontraenti kkonċernata jeskludi li din l-awtorità kontraenti tista' teżerċita fuq din il-kumpannija kontroll analogu għal dak li hija teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Sea, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46).

54 Dan huwa l-każ tal-konċessjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, filwaqt li s-soċju privat għandu jżomm 49 % tal-kapital azzjonarju tal-kumpanija semipubblika li tingħata l-konċessjoni inkwistjoni.

55 F'dawn il-kundizzjonijiet għandu jiġi stabbilit iktar preċiżament jekk l-għoti tas-servizz pubbliku inkwistjoni lil kumpannija pubblika b'sehem privat mingħajr sejħa għal offerti huwiex kompatibbli mad-dritt Komunitarju, peress illi s-sejħa għal offerti sabiex jintgħażel is-soċju privat li jieħu l-amministrazzjoni sħiħa tas-servizz tal-ilma ssir fl-osservanza tal-Artikoli 43 KE u 49 KE kif ukoll tal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċ-ċittadinanza kif ukoll tal-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minn dan.

56 Jirriżulta mill-ġurisprudenza li l-għoti ta' kuntratt pubbliku lil impriża pubblika b'sehem privat mingħajr kompetizzjoni jippreġudika l-għan tal-kompetizzjoni libera u mhux distorta u l-prinċipju tat-trattament ugwali, sa fejn tali proċedura toffri lil impriża privata li għandha sehem fil-kapital ta' din l-impriża vantaġġ meta pparagunata mal-kompetituri tagħha (ara s-sentenza Stadt Halle u RPL Lochau, iċċitata iktar 'il fuq, punt 51, kif ukoll tal-10 ta' Novembru 2005, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-29/04, Ġabra p. I-9705, punt 48).

57 Barra minn hekk, hekk kif huwa rrilevat fil-punt 2.1 tal-Komunikazzjoni interpretattiva tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja dwar l-Appalti Pubbliċi u l-Konċessjonijiet lil sħubijiet [soċjetajiet] Pubbliċi-Privati istituzzjonalizzati (PPPI) (ĠU 2008, C 91, pp4), il-fatt li entità privata u entità kontraenti jikkooperaw fil-kuntest ta' entità pubblika b'sehem privat ma jistax jiġġustifika n-nonosservanza tad-dispożizzjonijiet dwar il-konċessjonijiet matul l-għoti ta' konċessjonijiet lil din l-entità privata jew lill-entità pubblika b'sehem privat.

58 Madankollu, hekk kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 85 tal-konklużjonijiet tiegħu, ir-rikors għal proċedura doppja ta' kompetizzjoni hija diffiċilment kompatibbli mal-istruttura proċedurali li tispira s-soċjetajiet pubbliċi b'sehem privat istituzzjonalizzati, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-użu ta' proċedura waħda jgħaqqad

l-għażla ta' soċjetà ekonomika privata mal-għoti tal-konċessjoni lil entità pubblika b'sehem privat li tinħoloq għal dan il-għan biss.

59 Filwaqt li n-nuqqas ta' sejħa għal offerti fil-kuntest tal-għoti ta' servizzi jidher irrikonċiljabbli mal-Artikoli 43 KE u 49 KE u mal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskiminazzjoni, is-selezzjoni tas-soċju privat fl-osservanza tar-rekwiżiti mfakkra fil-punti 46 sa 49 ta' din is-sentenza u l-għażla tal-kriterji ta' selezzjoni tas-soċju privat tippermetti li din is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata, peress li l-kandidati għandhom jistabbilixxu, minbarra l-kapaċità tagħhom li jsiru azzjonisti, qabel kollox il-kapaċità teknika tagħhom sabiex jipprovdu s-servizz u l-vantaġġi ekonomiċi u oħrajn li jirriżultaw mill-offerta tagħhom.

60 Sa fejn il-kriterji ta' selezzjoni tas-soċju privat huma bbażati mhux biss fuq il-kapital miġjub, iżda wkoll fuq il-kapaċità teknika ta' dan is-soċju u fuq il-karatteristiċi tal-offerta tiegħu rigward is-servizzi speċifiċi li għandhom jiġu pprovduti, u li dan is-soċju, bħal fil-kawża prinċipali, jiġi fdat l-attività operattiva tas-servizz inkwistjoni u għalhekk l-amministrazzjoni tagħha, jista' jiġi kkunsidrat li s-selezzjoni tal-konċessjonarju tirriżulta indirettament minn dik ta' dan is-soċju li seħħet fi tmiem proċedura li tosserva l-prinċipji tad-dritt Komunitarju, b'mod li t-tieni proċedura ta' kompetizzjoni fid-dawl tas-selezzjoni tal-konċessjonarju mhijiex iġġustifikata.

61 Ir-rikors, f'tali sitwazzjoni, għal proċedura doppja ta' selezzjoni tas-soċju privat tal-kumpannija pubblika b'sehem privat, l-ewwel, u l-għoti tal-konċessjoni lil din il-kumpannija, sussegwentement, huwa ta' natura li jiskoraġġixxi lill-entitajiet privati u l-awtoritajiet pubbliċi li jikkostitwixxu soċjetajiet pubbliċi b'sehem privat istituzzjonalizzati, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali minħabba t-tul ta' żmien inerenti għall-implementazzjoni ta' tali proċeduri u tal-inċertezza legali f'dak li jikkonċerna l-għoti tal-konċessjoni lis-soċju privat magħżul qabel.

62 Għandu jiġi ppreċiżat li kumpannija b'kapital pubbliku u privat, bħal din inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jkollha l-istess għan soċjali matul it-tul tal-konċessjoni u li

kull bidla sostanzjali tal-kuntratt twassal għal obbligu ta' sejħa għal offerti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2008, pressetext Nachrichtenagentur, C-454/06, Ġabra p. I-4401, punt 34).

63 Fid-dawl ta' dak li ntqal, id-domanda għandha tiġi risposta li l-Artikoli 43 KE, 49 KE u 86 KE ma jipprekludux l-għoti dirett ta' servizz pubbliku li jimplika t-twettiq minn qabel ta' ċerti xogħlijiet, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, lil kumpannija b'kapital pubbliku u privat, maħluqa speċjalment għall-provvista ta' dan is-servizz u li għandha għan wieħed, li fiha s-soċju privat huwa magħżul fuq sejħa għal offerti pubblika, wara verifika tal-kundizzjonijiet finanzjarji, tekniċi, operattivi u amministrattivi fir-rigward tas-servizz li għandu jiġi żgurat u tal-karatteristiċi tal-offerta fir-rigward tas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti, bil-kundizzjoni li l-proċedura ta' sejħa għal offerti inkwistjoni tkun konformi mal-prinċipji ta' kompetizzjoni libera, ta' trasparenza u ta' trattament ugwali imposti mit-Trattat għall-konċessjonijiet.

Fuq l-ispejjeż

64 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 43 KE, 49 KE u 86 KE ma jipprekludux l-għoti dirett ta' servizz pubbliku li jimplika t-twettiq minn qabel ta' ċerti xogħlijiet, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, lil kumpannija b'kapital pubbliku u privat, maħluqa speċjalment għall-provvista ta' dan is-servizz u li għandha għan wieħed, li fiha s-soċju privat huwa magħżul fuq sejħa għal offerti pubblika, wara verifika tal-kundizzjonijiet finanzjarji, tekniċi, operattivi u amministrattivi fir-rigward tas-servizz li

għandu jiġi żgurat u tal-karatteristiċi tal-offerta fir-rigward tas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti, bil-kundizzjoni li l-proċedura ta' sejħa għal offerti inkwistjoni tkun konformi mal-prinċipji ta' kompetizzjoni libera, ta' trasparenza u ta' trattament ugwali imposti mit-Trattat KE għall-konċessjonijiet.

Firem